

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.9774 — Bain Capital Investors/Neuberger Berman/Engineering Ingegneria Informatica)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 119/05)

1. Fit-2 ta' April 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (').

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Bain Capital Investors, LLC (“Bain”, l-Istati Uniti tal-Amerka);
- NB Renaissance Partners Holdings S.à r.l. (li tappartjeni għal Neuberger Berman Group, “NB”, l-Istati Uniti tal-Amerka);
- Engineering Ingegneria Informatica S.p.A. (“Ingegneria”, l-Italja).

Bain u NB jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta’ Ingegneria kollha kemm hi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Bain: investimenti ta’ ekwidà privata f’kumpaniji f’għadd ta’ industrji, inklużi t-teknoloġija informatika, il-kura tas-sahħha, prodotti bl-imut u tal-konsumatur, u komunikazzjonijiet, fil-finanzi u fl-industrija/fil-manifattura.
- NB: ġestjoni ta’ ekwidà, introjtu fiss, ekwidà privata u portafolji ta’ hedge funds.
- Ingegneria: provvista ta’ servizzi esternalizzati tal-IT, prinċipalment fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (’) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spċificata:

M.9774 — Bain Capital Investors/Neuberger Berman/Engineering Ingegneria Informatica

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.